C/2024/5877

30.9.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Lulju 2024

li tagħti struzzjonijiet lill-Amministratur Ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni biex idaħħal korrezzjonijiet fit-tabelli tal-allokazzjoni nazzjonali tad-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Litwanja, l-Awstrija u l-Portugall fir-Reġistru tal-Unjoni

(C/2024/5877)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(3), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) L-Istati Membri ppreżentaw il-lista tal-installazzjonijiet fit-territorju tagħhom skont l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2003/87/KE lill-Kummissjoni.

(2) F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/355 ([3]), il-Kummissjoni ma ressqet l-ebda oġġezzjoni għal-listi tal-installazzjonijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE kif ippreżentati mill-Belġju, mill-Bulgarija, miċ-Ċekja, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Irlanda, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Kroazja, mill-Italja, minn Ċipru, mil-Latvja, mil-Litwanja, mil-Lussemburgu, mill-Ungerija, min-Netherlands, mill-Awstrija, mill-Polonja, mill-Portugall, mir-Rumanija, mis-Slovenja, mis-Slovakkja, mill-Finlandja u mill-Iżvezja, għajr kif stabbilit fl-Artikolu 1 u fl-Annessi ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) L-Istati Membri ddeterminaw u nnotifikaw l-ammonti annwali preliminari ta' kwoti bla ħlas għal kull installazzjoni bl-użu tal-valuri tal-parametru referenzjarju riveduti ddeterminati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 ([4]), skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 ([5]).

(4) Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/927 ([6]), ġie ddeterminat li ma jeħtieġ li jiġi applikat l-ebda aġġustament lill-ammonti annwali preliminari tal-kwoti bla ħlas skont l-Artikolu 10a(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, peress li d-domanda ma qabżitx l-ammont massimu.

(5) Id-Danimarka nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tal-1 ta' Lulju 2024. Għall-installazzjoni Dk-342, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali.

(6) Il-Ġermanja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tal-1 ta' Lulju 2024. Il-fatturi ta' skambjabbiltà tal-elettriku tas-subinstallazzjoni EAF tal-azzar bil-karbonju u tas-subinstallazzjoni tal-azzar illigat ħafna EAF ġew ikkoreġuti għall-installazzjoni DE-67. Għall-installazzjoni DE-201900, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjonijiet tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tat-tisħin distrettwali.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj.
([2]) ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1122/oj.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/355 tal-25 ta' Frar 2021 dwar miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-allokazzjoni tranżizzjonali bla ħlas ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-Artikolu 11(3) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 68, 26.2.2021, p. 221, http://data.europa.eu/eli/dec/2021/355/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447 tat-12 ta' Marzu 2021 li jiddetermina l-valuri riveduti tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 87, 15.3.2021, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/447/oj).
([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/331/oj).
([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/927 tal-31 ta' Mejju 2021 li tiddetermina l-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali uniformi għall-aġġustament ta' allokazzjonijiet bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 (ĠU L 203, 9.6.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2021/927/oj).

(7) Franza nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tal-4 ta' Lulju 2024. Fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali oriġinali, l-installazzjoni FR-217260 ġiet irrappurtata bin-numru tal-kont tar-reġistru żbaljat. In-numru permanenti l-ġdid ġie sostitwit min-numru ta' identifikazzjoni FR-461. Is-subinstallazzjoni tal-fjuwil tħassret, u l-livell storiku tal-attività tas-subinstallazzjoni tas-sħana ġie kkoreġut għall-installazzjoni FR-90. Għall-installazzjoni FR-205489, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil. Għall-installazzjoni FR-203838, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil.

(8) Il-Kroazja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittri bid-dati tas-26 ta' Frar 2024 u tas-27 ta' Ġunju 2024. Il-fattur ta' skambjabbiltà tal-elettriku fis-subinstallazzjoni EAF tal-azzar bil-karbonju.għall-installazzjoni HR-204295, ġie kkoreġut. Għall-installazzjoni HR-203853, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil u tas-subinstallazzjoni ta' emissjonijiet minn proċess. Għall-installazzjoni HR-205104, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil u tas-subinstallazzjoni ta' emissjonijiet minn proċess. Għall-installazzjoni HR-205683, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tad-dolim.

(9) L-Italja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tat-28 ta' Frar 2024. L-istallazzjoni l-IT-219761 ġiet stallata għall-allokazzjoni bla ħlas fil-qafas tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet bin-numru ta' identifikazzjoni tar-reġistru kkoreġut. In-numru permanenti l-ġdid ġie sostitwit bin-numru ta' identifikazzjoni T-new-2168.

(10) Il-Litwanja nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tal-20 ta' Frar 2024. Għall-installazzjoni LT-38, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tat-tiswin distrettwali.

(11) L-Awstrija nnotifikat xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittri bid-dati tat-8 ta' April 2024, it-23 ta' Mejju 2024, u l-11 ta' Ġunju 2024. Għall-installazzjoni AT-47, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjonijiet tas-sħana. Għall-installazzjoni AT-142, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana. Ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana għall-installazzjoni AT-27. Għall-installazzjoni AT-28, ġew ikkoreġuti l-livelli ta' attività storiċi tas-subinstallazzjoni tas-sħana u tas-subinstallazzjoni tal-fjuwil.

(12) Il-Portugal innotifika xi bidliet fit-tabella tal-allokazzjoni nazzjonali tagħha, permezz ta' ittra bid-data tal-14 ta' Ġunju 2024. Għall-installazzjoni PT-59, ġie kkoreġut il-livell ta' attività storiku tas-subinstallazzjoni tas-sħana.

(13) It-tabelli tal-allokazzjonijiet nazzjonali huma f'konformità mal-Artikolu 10c tad-Direttiva 2003/87/KE, mar-Regolament Delegat (UE) 2019/331 u mad-Deċiżjoni (UE) 2021/355.

(14) Għalhekk huwa xieraq li l-amministratur ċentrali jinġħata struzzjonijiet biex idaħħal dawk il-korrezzjonijiet fir-Reġistru tal-Unjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-amministratur ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni qed jinġħata l-istruzzjoni biex idaħħal il-korrezzjonijiet tat-tabelli tal-allokazzjoni nazzjonali tad-Danimarka, tal-Ġermanja, ta' Franza, tal-Kroazja, tal-Italja, tal-Litwanja, tal-Awstrija u tal-Portugall bl-ammonti annwali finali għall-allokazzjoni tranżizzjonali mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025, kif stipulat fl-Anness, fir-Reġistru tal-Unjoni.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2024

Għall-Kummissjoni
Wopke HOEKSTRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021-2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Id-Danimarka

ID tal-istallazzjoni	ID tal-Istallazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-istallazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li trid tiġi allokata					Kwantità li trid tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
DK000000000000342	342	Aalborg Portland A/S	Aalborg Portland A/S	1 537 563	1 537 563	1 537 563	1 537 563	1 537 563	7 687 815

TOTAL	1 537 563	1 537 563	1 537 563	1 537 563	1 537 563	7 687 815

ANNESS II

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021-2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Il-Ġermanja

ID tal-istallazzjoni	ID tal-Istallazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-istallazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li trid tiġi allokata					Kwantità li trid tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
DE000000000000067	67	Elektrostahlwerk	ArcelorMittal Hamburg GmbH	64 391	64 391	64 391	64 391	64 391	321 955
DE000000000201900	201900	Oxo-Anlage	Evonik Oxeno GmbH & Co. KG	11 139	11 139	11 139	11 139	11 139	55 695
			TOTAL	75 530	75 530	75 530	75 530	75 530	377 650

ANNESS III

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021-2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Stat Membru

ID tal-installazzjoni	ID tal-Istallazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-istallazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li trid tiġi allokata					Kwantità li trid tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
FR000000000000090	90	EGGER Panneaux et Décords	EGGER Panneaux et Décords	53 294	53 294	53 294	53 294	53 294	266 470
FR000000000000461	461	CHR Nancy-BRABOIS	Seev						0
FR000000000203838	203838	ADISSEO Les Roches	ADISSEO - Roches	101 593	101 593	101 593	101 593	101 593	507 965
FR000000000205489	205489	Sociéte de Véhicules Automobiles de Batilly- SOVAB	Sociéte de Véhicules Automobiles de Batilly-SOVAB	5 620	5 620	5 620	5 620	5 620	28 100
FR000000000217260	217260	CHR Nancy-BRABOIS	Seev	694	694	694	694	694	3 470

TOTAL	161 201	161 201	161 201	161 201	161 201	806 005

ANNESS IV

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021-2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Il-Kroazja

ID tal-istallazzjoni	ID tal-Istallazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-istallazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li trid tiġi allokata					Kwantità li trid tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
HR000000000205104	205104	Dilj d.o.o. pogon Našice	Dilj d.o.o.	4 326	4 326	4 326	4 326	4 326	21 630
HR000000000205683	205683	INTERCAL Croatia d.o.o. Pogon II	InterCal Croatia d.o.o.	45 072	45 072	45 072	45 072	45 072	225 360
HR000000000203853	203853	Wienerberger d.o.o. Pogon Karlovac	Wienerberger d.o.o.	9 493	9 493	9 493	9 493	9 493	47 465
HR000000000204295	204295	Acciaierie Bertoli Safau Sisak d.o.o.	Acciaierie Bertoli Safau Sisak d.o.o.	7 523	7 523	7 523	7 523	7 523	37 615
			TOTAL	66 414	66 414	66 414	66 414	66 414	332 070

ANNESS V

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021-2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: L-Italja

ID tal-istallazzjoni	ID tal-Istallazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-istallazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li trid tiġi allokata					Kwantità li trid tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
IT000000000219761	219761	SANTA MARIA srl Stabilimento di Filo	SANTA MARIA srl	0	0	6 870	6 870	6 870	20 610
TOTAL				0	0	6 870	6 870	6 870	20 610

ANNESS VI

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021-2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Il-Litwanja

ID tal-istallazzjoni	ID tal-Istallazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-istallazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li trid tiġi allokata					Kwantità li trid tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
LT000000000000038	38	UAB “Mažeikių šilumos tinklai” katilinė	UAB “Mažeikių šilumos tinklai”	7 189	7 189	7 189	7 189	7 189	35 945
TOTAL				7 189	7 189	7 189	7 189	7 189	35 945

ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5877/oj

ANNESS VII

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021-2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: L-Awstrija

ID tal-installazzjoni	ID tal-Installazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-installazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li trid tiġi allokata					Kwantità li trid tiġi allokata għall-installazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
AT000000000000027	27	OMV AUT Gasstation Aderklaa II	OMV Austria Exploration & Production GmbH	2 837	2 837	2 837	2 837	2 837	14 185
AT000000000000028	28	OMV AUT Gasstation Aderklaa I	OMV Austria Exploration & Production GmbH	5 794	5 794	5 794	5 794	5 794	28 970
AT000000000000047	47	AGRANA Gmünd	AGRANA Stärke GmbH	22 255	22 255	22 255	22 255	22 255	111 275
AT000000000000142	142	Jungbunzlauer Wulzeshofen	Jungbunzlauer Austria AG	175 346	175 346	175 346	175 346	175 346	876 730
			TOTAL	206 232	206 232	206 232	206 232	206 232	1 031 160

ANNESS VIII

Tabella tal-allokazzjoni nazzjonali għall-perjodu 2021-2025 skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat Membru: Il-Portugall

ID tal-istallazzjoni	ID tal-Istallazzjoni (Reġistru tal-Unjoni)	Isem l-istallazzjoni	Isem l-operatur	Kwantità li trid tiġi allokata					Kwantità li trid tiġi allokata għall-istallazzjoni
				2021	2022	2023	2024	2025	
PT000000000000059	59	Sidul Açúcares, Unipessoal Lda	Sidul Açúcares, Unipessoal Lda.	12 928	12 596	12 263	11 931	11 599	61 317

TOTAL	12 928	12 596	12 263	11 931	11 599	61 317